MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Numru. 618/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARLOS CORDINA**

**KONTRA**

**JOSEPH AXIAQ ta' 42 sena, iben Joseph u Rose nee' Camilleri, imwieled iz-Zurrieq nhar is-26.01.1968, residenti fil-fond numru 9, Triq il-Kuccard, Hal-Safi, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 108168M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **JOSEPH AXIAQ** li gie akkuzat talli:

Nhar it-22 ta' Lulju, 2007 ghall-habta ta' bejn l-4.30pm fiz-Zurrieq, attakka jew ghamel rezistenza b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi ufficjali tal-

pulizija, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt illi kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

U aktar talli fl-istess data u hin, u cirkostanzi, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq diversi ufficjali tal-pulizija, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

U aktar talli fl-istess data u hin fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Charles Vella;

U aktar talli kiser il-bon ordni u l-paci pubbliku b'ghajjat, glied jew mod iehor u talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha.

Rat illi l-imputat fl-interrogatorju wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkukzi kif dedotti kotnra tieghu, kif ukoll illi ma kellux oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat illi gie anke ezebit il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Semghet ix-xhieda ta' dak iz-zmien l-Ispettur Walter Zammit li ezebixxa l-istqarrija ta' l-imputat a folio 3 – 4. Fiha l-imputat qal illi waqt li kien qieghed jiehu flixkun birra gol-Kazin wara l-marc, xi hadd tefa' flixkun tal-hgieg u l-frak tieghu mar fuq in-nies fosthom fuq in-neputija tiehgu. Missierha mar ghas-sodisfazzjon u gie fl-idejn. Jghid illi hu ndahal ukoll. Meta nizlu l-Ghassa raw l-aggressur hemm u dan mar ghalihom. Ferrquhom il-pulizija.

Zied fl-istqarrija li jekk huwa offenda jew wegga' anke billi gidem xi pulizija, kien jiddispjacieh ta' dan, pero li ma kienx jiftakar li ghamel hekk.

Xehed ghalhekk PS 386 Joseph Cauchi dwar dan l-incident. Qal illi wara l-marc tal-festa taz-Zurreiq marru biex jassistu fuq glieda bejn certu Charles Vella u martu, ferrquhom u talbuhom jinzlu l-Ghassa. Xehed li certu Joseph Axiaq (l-imputat), mar minn warajh u aggredieh tant li anke gidmu, anke kellmu hazin u offendieh. Xehed illi anke aggredieh go l-Ghassa, tant illi ma setax isib kaptu tieghu (folio 29). Spjega li beda jghajru bil-familja u joffendieh.

Xehed ukoll certu Ronnie Lia. Spjega li l-kugin tieghu certu Charles Vella kellu xi problema mal-mara tieghu. Qal illi mal-mara tal-kugin kien hemm fost irgiel ohra anke l-imputat. Xehed illi waslu l-pulizija u haduhom l-Ghassa, ghax inqalghet glieda. Qal illi l-Ghassa beda jara dawn it-tlitt irgiel jiggieldu mal-pulizija, wiehed minnhom kien l-imputat. Rah anke jerga' jdejh fuq pulizija mara. Qal anke li hebb ghalihom, cioe' ghall-pulizija u ghan-nies, cioe' x-xhieda.

Xehed ghalhekk Charles Vella. Spjega li kien hemm argument familjari u ndahal l-imputat. Spjega li dan jaghti bl-addocc. Lil dan ix-xhud gidimlu saqajh. Qal dan ix-xhud illi dam xahar u nofs l-Isptar u li qatt ma kellu xi argument ma' l-imputat. Qal illi l-Ghassa dan ta daqqa ta' ponn lill-pulizija mara u lilu gidimlu saqajh.

Gew ezebiti certifikati medici fil-konfront ta' certu Clayton Chircop li kellu griehi hfief (folio 26 Dok WS1) u Vella Carmelo, dan fil-konfront ta' gidma wkoll kwalifikata bhala griehi hfief (folio 27 Dok WZ2).

Ikkunsidrat:

Rat ukoll in-nota ezebita mill-Ufficjal Prosekutur. Id-Difiza f'dan il-lat baqghet inadempjenti.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta' l-uniku pulizija deponenti cioe' PS 386, jirrizulta li l-imputat fil-fatt tant hebb ghall-pulizija, anzi attakkahom, illi lilu pprova sahansitra jigdmu mentri ohrajn

rawh jaghti daqqa ta’ ponn lil pulizija mara. L-istess xhud anke tkellem dwar il-fatt illi l-istess imputat anke beda jheddu u joffendieh bil-familja tieghu.

Charles Vella kien car dwar il-gidma li sofra minghand l-imputat. Tant iehor kagun tal-glieda huwa hati ta’ ksur ta’ bon ordni.

Ghaldaqstant din il-Qorti, qieghda ssibu hati tar-reati taht l-Artikoli 95, 96, 221, 31, 338 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Dwar il-piena stante l-offizi li saru fuq ufficjali tal-pulizija specjalment, tqis illi l-piena idonea hija dik karceraraja ta’ sena (1) sospiza ghal sentejn (2), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------